TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 229/11-F

**Marie Carabott**

**vs**

**Krea**

Illum 21 ta' Mejju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-20 ta' Mejju, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tliet elef, erba' mija w erbgħa u disgħin ewro (€3,494), rappreżentanti prezz ta' bibien, liema bibien kienu żgħar u li wara li twaħħlu, bdiet issirilhom il-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi s-soċjeta' ntimata għamlet kontro-talba, fejn qed titlob l-ammont ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800), rappreżentanti l-bilanċ dovut tal-prezz t'għamara mibjugħa u nstallata mis-soċjeta' ntimata, liema Kontro-Talba ma saritx fuq formola apposta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub u kkonfermat bil-ġurament illi kienet ordnat bibien mingħand id-ditta ntimata, liema bibien kien ġralhom il-ħsara, kif ukoll ma kinux ta' kwalita' pattwita.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi x-xogħol sar skond is-sengħa u l-arti, illi għadda biżżejjed żmien u ma nfurmawx lis-soċjeta' ntimata fi żmien xahrejn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, u ra r-rapport tal-espert tekniku, fejn it-Tribunal jagħmel referenza għat-tieni eċċezzjoni illi tirreferi għall-Art.79 (1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap378), fejn hemm l-obbligu tar-rikorrenti sabiex tinforma lill-intimat bin-nuqqas tal-konformita' permezz ta' ittra u jinnota illi minn imkien ma jirriżulta li dan l-obbligu sar.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

It-Tribunal, jagħmel referenza wkoll għall-kawżi li jiġu pprezentati fil-Qorti ta' l-Appell, kif ukoll għal diversi sentenzi li ta t-Tribunal, fejn dan l-obbligu mhux talli jeżisti, iżda talli għandu jiġi nfurzat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u kif ukoll qed jiċħad it-talba tal-Kontro-Talba, u bl-ispejjeż jigu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**